**13 ta' Novembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Martyn Attard *noe et*

*versus*

Alfred Cachia *pro et noe*

## Kambjali - Rekwiżiti Essenzjali - Kambjali *to bearer*

*Skond il-liġi u l-ġurisprudenza, iż-żewġ elementi essenzjali għall-validita' ta' kambjala huma l-firma tad-*drawer*, dak li joħroġ il-kambjala, dak li għandu jagħti, u l-indikazzjoni tal-valur, kemm għandu jagħti. L-elementi l-oħra huma importanti iżda mhux essenzjali għall-validita' tal-kambjala. Mingħajrhom il-kambjala mhiex nulla.*

*F'dan il-każ kien hemm il-firma tad-*drawer *- dak li għandu jagħti - kif ukoll il-valur kien indikat. Għalhekk, il-kambjali in kwistjoni ma kinux nulli.*

*Għalkemm il-liġi ma tippermettix kambjali* to bearer, *iżda kambjali fejn l-isem tal-*payee *ma jkunx inserit huma użati u l-isem jista' jitniżżel sussegwentement.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi l-atturi huma kredituri tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, ħames mija u sebgħa u tletin lira maltija (Lm29,537), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' self brevi manu magħmul minnhom lis-soċjeta' konvenuta kif jirriżulta mill-iskrittura tas-7 ta' April, 1993 (dok. A) u mill-import ta' kambjali minnu aċċettati u ffirmata, liema dejn hu ċert, likwidu u dovut u liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti B sa G;

Premess illi in forza ta' l-istess skrittura l-konvenut Alfred Cachia kkostitwixxa ruħu garanti solidali personalment mas-soċjeta` konvenuta;

Premess illi dawn il-kambjali skadew iżda baqgħu ma tħallsux nonostante li l-konvenut *proprio et nomine* ġie interpellat uffiċjalment;

Premess illi fil-fehma ta' l-atturi l-konvenut *proprio et nomine* m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba tagħhom għall-ħlas ta' l-ammont mitlub;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 157 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* jħallas is-somma ta' Lm29,537 import ta' kambjali li skadew u aċċettati u ffirmati mill-konvenut *nomine* iżda li baqgħu ma tħallsux;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu, 1995 u tat-18 ta' April, 1995 u bl-imgħax kummerċjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut *proprio et nomine*;

*Omissis*;

Il-konvenut qed jeċċepixxi li d-dokumenti kambjali B sa G huma nulli billi ma fihomx l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni

tiegħu għandu jsir il-ħlas u ma fihomx ir-rekwiżiti oħra *ai termini* ta' l-artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

*Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, il-konvenut spjega li jekk* dokument m'għandux xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti ma tistax titqies bħala kambjala;

Hu ssottometta li d-dokumenti esebiti ma fihomx l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas; ma fihomx il-lok fejn tiġi miġbuda; ma fihomx iż-żmien u l-lok tal-ħlas; u lanqas il-valur mogħti;

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet u l-argumenti ta' l-atturi;

Illi skond il-liġi u l-ġurisprudenza ż-żewġ elementi essenzjali għall-validita` ta' kambjala huma l-firma tad-*drawer*, dak li joħroġ il-kambjala, dak li għandu jagħti u l-indikazzjoni tal-valur, kemm għandu jagħti. L-elementi l-oħra huma importanti iżda mhux essenzjali għall-validita` tal-kambjala. Mingħajrhom il-kambjala mhiex nulla (Ara **Sammut *vs* Conti** Vol. 29 Pt. 3. p. 39. **Pace *vs* Azzopardi** Vol. XLVIII Pt.2 p.1206; **Calascione *vs* Dr. Carmelo Mifsud Bonnici** Kumm. 29 ta' Novembru, 1974);

Issa fil-każ in eżami, kemm il-firma tad-*drawer* (Alfred Cachia) *kif ukoll il-valur huma indikati għalhekk il-kambjali in kwistjoni* mhumiex nulli. Għalkemm il-liġi ma tippermettix *bills of exchange "to bearer"*, iżda *bills of exchange* fejn l-isem tal-*payee* ma jkunx inserit huma użati u l-isem jista' jitniżżel sussegwentement (Ara Noti Profs. Cremona/Dr. Micallef fol. 271). Fil-każ in eżami l-isem tal-*payee* ma tniżżilx fid-dokumenti (B, D, F, G). Fl-oħrajn hu

mniżżel għalkemm ikkontestat mill-konvenut;

Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu u tiddifferixxi l-kawża għall-provi ta' l-attur għas-7 ta' Frar, 1996 fl-9.45 a.m.